**DISKORS MILL-EĊĊELLENZA TAGĦHA MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, PRESIDENT TA' MALTA, WAQT IT-TNIDIJA TAL-PREMJU TAL-PRESIDENT GĦALL-KREATTIVITÀ, FL-MCAST, IL-MOSTA. IT-TNEJN 2 TA' ĠUNJU 2014.**

Onorevoli Chris Agius,

Mistednin distinti,

Sinjuri,

Hu ta' pjaċir għalija li ninsab fostkom iż-żgħażagħ f'ambjent ta' tagħliem sabiex inniedi l-Premju tal-President għall-Kreattività.

Jien nemmen li ż-żgħażagħ huma l-preżent u l-futur ta’ pajjiżna, u permess tagħkom, nagħmel kuraġġ għal futur ta’ pajjiżna għax nemmen fikom bis-sħiħ, u fil-ħiliet tagħkom.

Din l-inizjattiva issir taħt il-kappa tal-President, u għalhekk tissejjaħ il-Premju tal-President.

Iżda fil-verità, din hi inizjattiva tagħkom u għalikom, fejn tistgħu tattwaw il-ħolma artisitika tagħkom u jkollkom l-opportunità li tagħmluha realtà.

Dan il-premju jingħata fil-kuntest ta’ inizjattiva nazzjonali sabiex jikber ir-rikonoxximent tal-kontribut tal-kultura, tal-arti u tal-kreattività lejn is-soċjetà.

L-għan ewlieni tal-Premju tal-President għall-Kreattività huwa li jagħti aċċessibilità,

b'mod konkret, lil kulħadd biex tiġi żviluppata l-arti, anke minn età bikrija.

Permess ta' dan il-premju, jinħolqu u jiġu implimentati programmi soċjali u komunitarji permezz tal-arti.

Il-potenzjal tal-arti u l-kreattività tgħin biex iġġib bidla soċjali u riġenerazzjoni anke f'postijiet karatterizzati minn ambjenti soċjali diffiċli, ta' faqar u esklużjoni soċjali.

Dan il-premju joffri wkoll rikonoxximent importanti lit-talent kemm meta jkun fit-tfal, kif ukoll meta jkun wasal sabiex joħroġ fuq livell professjonali fiż-żgħażagħ.

Il-premju jinkoraġġixxi u joffri wkoll rikonoxximent għall-ħidma imprezzabli ta' għaqdiet u organizzazzjonijiet volontarji mhux governattivi, kemm dawk li jaħdmu

fil-qasam soċjali kif ukoll dawk artistiċi u kulturali, fil-ħidma tagħhom lejn titjib fis-soċjetà u fil-ħajja tal-membri vulnerabbli tagħha.

Il-Premju jipprovdi fondi u għajnuniet varji lil tfal u żgħażagħ li ħafna drabi isibu rwieħhom f'diffikultajiet, u li minħabba f'hekk, iwaqqafhom milli jikkunsidraw l-iżvilupp artistiku u kreattiv tagħhom bħala aspett importanti ta' ħajjithom.

Inħarsu lejn il-ħtiġijiet kreattivi taż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet li huma impenjati ma' tfal u żgħażagħ, biex jipprovdu appoġġ, rikonoxximent u opportunitajiet li jiżviluppaw t-talent u jgħinhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.

Għandi fiduċja sħiħa fil-kapaċitajiet taż-żgħażagħ Maltin. Rajt u missejt b'idejja l-kreattività tagħkom matul ħajti u f'diversi okkażjonijiet.

Hawn Malta, aħna ixxurtjati bl-arti li għandna madwarna. L-arti arkitettonika tal-knejjes, tal-bereġ u ta' bini ieħor li għandna f'Malta, it-tempji megalitiċi tagħna kif ukoll, ġewwa l-bini fid-djar, fil-ħwienet, fil-mużewijiet u fil-palazzi. Inqis li l-arti, il-kultura, u il-kreattività bħala l-vokazzjoni tagħna.

Meta nitkellmu dwar espressjoni artistika, qed nirreferi għal kull tip ta' arti.

Tista' tkun pittura, skultura, mużika, teatru, danza, letteratura, disinn tal-ħwejjeġ jew oġġetti dekorattivi u oħrajn.

U hawn fejn jidħol l-Istitut għal-Arti u d-Disinn, fejn din l-istituzzjoni edukattiva qed trawwem fikom l-imħabba lejn l-arti u l-ħiliet neċessarji biex tilħqu l-miri tagħkom.

Insellem lill-għalliema tagħkom u lil kull minn qed jgħinkom tiżvillupaw it-talenti tagħkom.

Jiena wkoll inħossni, bħala l-kustodju tal-wirt artistiku nazzjonali, u għalhekk irrid ninkoraġġixxi l-iżvilupp tal-arti fil-gżejjer Maltin, speċjalment fost iż-żgħażagħ u t-tfal.

Jien qed nagħmel li nista' biex inżomm dik l-arti li tinsab fil-Palazzi Presidenzjali fl-għola livell sabiex tkunu tistgħu tgawduha intom u l-generazzjonijiet tal-futur.

L-akbar valur tal-arti huwa l-espressjoni ta' dak li jħoss l-artist. L-arti tibqa' arti anki

jekk l-artist ma juriha lil ħadd imma huwa ta' sodisfazzjon għall-artist li x-xogħol tiegħu jiġi esebit u apprezzat. L-importanti li l-artist jibqa ħieles.

Jeħtieġ li t-tfal, iż-żgħażagħ u l-komunità kollha jsibu min iħeġġiġhom għall-istudju tal-arti u li min jipprometti jiġi mgħejjun biex jagħmlu dan.

Żgur il-Maltin mhumiex nieqsa mit-talent imma dan it-talent irid jiġi nkoraġġit u mgħejjun b'mod konkret. It-talent jista' jkun don naturali imma jrid jitrawwem biex jikber u jistgħana. Għandna x-xorti li aħna l-Maltin u l-Għawdxin twelidna fuq gzejjer imżejna u sinjuri fl-arti, il-kultura u l-kreazzjoni.

Għalhekk kien inħoloq dan il-premju u, nista' ngħid, li sibna, għal darb'oħra, is-sostenn tal-Gvern li pprovda l-fondi sabiex dan il-premju jitkompla sena wara l-oħra.

Nirringrazzja lil kull min għen biex dan il-premju jitella'. B'mod speċjali nixtieq nirringrazzja lis-Sur Toni Attard u lis-Sur Caldon Mercieca li ħadmu bla waqfien sabiex għamlu l-linji gwida, kriterji u l-applikazzjonijiet għal dan il-premju.

Minn qalbi, nawgura li dan il-premju jkun opportunità għal kull minn jixtieq li jiżviluppa l-ideat kreattivi tiegħu, li tkun possibbli li jagħmel dan f'ambjent pożittiv u inklużiv, fejn kull persuna u kull idea hija ta' valur mhux biss f'livell personali iżda wkoll dak nazzjonali.